MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Rikors Numru. 662/1998/1

**Joseph u Loreta konjugi Borg u b'digriet tad-9 ta' Novembru, 1998 Charles, Tony u Teddy Borg assumew l-atti minflok Joseph Borg li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Surgent tal-Pulizija 187 Mario Cassar u Surgent tal-Pulizija 1040 John Grima**

Il-Qorti:

**Ir-rikors u r-risposta.**

Rat ir-rikors prezentat minn Joseph u Loreta, konjugi Borg, fit-30 ta' Gunju, 1998 li permezz tieghu, wara li ppremettew;

*Illi huma proprjetarji tal-fond 6, Triq il-Papa Ljun XIII, Nadur, Ghawdex, u tal-bitha jew area li hemm quddiemha;*

*Illi nhar il-gimgha, 29 ta' Mejju, 1998, ghall-habta tas-7.30pm, ir-rikorrenti Loreta Borg, filwaqt li kien hemm biss id-dar zewgha Joseph Borg li hu marid serjament, sabet quddiemha gaffa kif ukoll diversi haddiema tal-gaffa, u persuni ohra. Is-Surgent 187 Mario Cassar qal li riedha twarrab minn nofs ghax sid l-ghalqa ghandu l-permess li jibni u riedu jghaddu bil-gaffa biex iwaqqghu hajt;*

*Illi l-esponenti, minghajr ghajnuna ta' hadd, rinfaccjata b'dik l-azzjoni tas-Surgent, twerwret. Il-familja tas-Surgent 187 Mario Cassar u l-familja ta' l-esponenti kienu ilhom ma jitkellmu ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena, u s-Surgent kien jaf li l-esponent Joseph Borg huwa marid serjament fis-sodda, ghalkemm mit-tieqa seta' jisma' lil martu tiehu kedda mal-Pulizja;*

*Illi meta gie binha Tony u staqsa lis-surgent x'kien qed jigri, dan beda jghidlu ripetutamnet "ghalaq halqek ghax narrestak";*

*Illi binha Charles mar jaghmel mandat ta' inibizzjoni l-Qorti bl-assistenza ta' Dott. Aaron Attard Hili;*

*Illi sadattant in-numru ta' pulizija beda jizdied u gew madwar 15 il-Pulizija minghajr il-presenza ta' Spettur tal-Pulizija;*

*Illi billi l-gaffa kienet imqabbda u s-Surgent ried iwaqqa' l-hajt, l-esponenti u wliedha bdew jinsistu mas-Surgent 187 illi Charles kien gej bil-mandat ta' inibizzjoni, izda s-Surgent 187 irrisponda "il-mandat tal-Qorti ma nikkalkulawhx ghax il-Pulizija qieghda taghmel xogholha";*

*Illi wara zdied Surgent iehor, 1040 John (kunjomu mhux specifikat fir-rikors promotur). Dawn iz-zewg Surgenti*

*bdew dehlin u hergin mid-dar ta’ residenza ta’ missier is-Surgent 187 li tinsab faccata kif taqsam it-triq;*

*Sadattant saru d-9.25p.m. u ulied l-esponenti gew infurmati telefonikament minn Dott. Aaron Attard Hili illi l-mandat ta’ inibizzjoni kien gie milqugh u kellu jigi bih il-Marixxall tal-Qorti;*

*Illi malli wasal Dott. Aaron Attard Hili fuq il-post, is-Surgent 187 wissa lill-Avukat “titkellimx ghax narrestak”, u dan minghajr ma l-Avukat kien lissen kelma wahda, u allura kellu jibqa’ sieket u immobbli;*

*Illi aktar tard hareg is-Surgent 187 mid-dar ta’ missieru u ordna lill-Pulizija biex iwarrbu xi kaxxi tal-luminata u cilindru tal-gas u xi affarijiet ohra li l-esponenti (Loreta Borg) kienet thalli gol-bitha proprjeta` taghhom. Hekk sar, u l-gaffa nsaqet ‘l quddiem u twaqqa’ l-hajt li nofs il-wisgha tieghu jappartjeni lill-esponenti;*

*Illi ftit minuti wara waslet fuq il-post karozza tal-Pulizija bl-Ispettur Antonello Grech fiha. Imbaghad wasal il-Marixxall tal-Qorti bil-mandat milqugh mill-Qorti. L-ispettur Antonello Grech qaghad ghal ftit minuti u rega’ telaq;*

*Tul l-incident, il-Pulizija kienu hdejn is-sid l-ghalqa Martin Vella u l-kuntrattur Joe Grima;*

*Illi s-Surgent ma wera l-ebda dokument ufficjali li jaghtih dik l-awtorita` li huwa kien qed jivvanta. Anzi, avolja l-esponenti u wliedha staqsewh jekk kellux dokument iffirmat minn Spettur jew permess ta’ l-Awtrorita’ ta’ l-Ippjanar biex jidhlu bil-forza fi proprjeta` privata taghhom u jwaqqghu l-hajt taghhom, huwa qalilhom bil-kelma biss;*

*Illi huma semghu lill-Marixxal jghid lis-Surgent 187 “Din ghamiltuhieli kemm il-darba, u rrid nara ghaliex ma stennejtux”;*

*Illi dan l-agir tal-Pulizija mmexxija mis-Surgent 187 Mario Cassar, apparti li jammonta ghal abbuz ta’ poter, jikkostitwixxi ksur tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Harsien*

*tad-Drittijiet tal-Bniedem minn ufficjal ta' l-Istat, u dana peress illi skond l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol integrat fl-ewwel skeda tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta, "**Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided by law and by the general principles of international law."***

Premess dan kollu, l-esponenti talbu illi din l-onorabbli il-Qorti tiddikjara illi huma sofrew lezjoni ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol integrat fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u taghti r-rimedji kollha opportuni, fosthom li jinghataw kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom u ghad-danni kollha konsegwenzali.

Rat ir-riposta tal-intimati tal-24 ta' Lulju, 1998 li permezz taghha wiegbu hekk:

*Illi r-rikors promotur huwa manifestament frivolu u vessatorju billi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'dak kollu li qed jivventilaw ir-rikorrenti. Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-intimati mxew mhux biss skond il-ligi izda uzaw prudenza akbar minn dak li ddettaw ic-cirkostanzi. Illi wahda mir-rikorrenti flimkien ma' familjari ohra agixxew b'mod aggressiv, hebbew ghal terzi persuni u ripetutament injoraw l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.*

*Illi di piu` r-rikors jikkostitwixxi abbuz tal-process gudizzjarju billi fih kwotazzjonijiet fittizji imputati lil uhud mill-intimati li mhux talli qatt ma ntqalu izda talli gew arkitettati biex jiddefamawhom.*

*Stante li l-pulizija pprestat l-assistenza taghha lis-sid legittimu ta' l-art u operat fid-dettami imposti mil-ligi biex jithares il-bon ordni, ma tista' qatt tiffigura s-sitwazzjoni li l-istess intimati lledew id-dritt sancit mill-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi l-fattispeci*

*tal-kaz ma jinkwadraw, bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni, ghall-applikabilita` ta' dan l-artikolu li mhux intiz biex jipprevjeni l-forzi ta' ordni milli jizguraw li ma jitwettqux reati krimminali jew jekk jitwettqu li jigu debitament persegwiti l-imputati quddiem l-awtoritajiet gudizzjarji.*

*Illi subordinament u minghajr pregudizzju, din il-qorti ghandha tiddekklina milli tezercita s-setghat taghha fit-termini li jipprovdi l-artikolu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrenti ghandhom rimedji ordinarji u effettivi biex jisfidaw a) l-eghmil esekuttiv li qed jigi imputat lill-intimati permezz ta' stharrig (review) gudizzjarju b) li in sede civili jirrivendikaw l-prorjeta` li qed jallegaw tappartjeni lilhom c) li jitobu l-prosegwiment ta' azzjoni kriminali fil-konfront ta' minn skond huma abbuza mill-poter.*

*Tajjeb li jinghad li r-rikorent ghal diversi drabi talbu l-hrug ta' mandati ta' inibizzjoni kontra s-sid ta' l-art in kwistjoni izda l-qrati kompetenti ripetutament irritjenew li lanqas biss ma kien hemm sembjanza ta' dritt prima facie fil-pretensjonijiet taghhom.*

*Illi subordinament, bla pregudizzju u fil-mertu jinghad li r-rikorrenti ssottomettew il-maqlub ta' x'verament gara tul-l-incident. Waqt li l-esponenti kellhom il-provi li s-sid leggittimu ta' l-art kien qed jigi kriminalment ostakolat fid-drittijiet tieghu, ir-rikorrenti mitluba ghal diversi drabi iseddqu l-pretensjonijiet taghhom bid-dokumenti relattivi baqghu ma ghamlu xejn. Ir-rikorrenti ghogobhom jivvintaw kwistjonijiet personali li qatt m'ezistew, ghogobhom jiffantastikaw incidenti li qatt ma succedew u jissimulaw diskors li naturalment qatt ma sar mill-intimati. Per ezempju jghidu li kien hemm madwar 15-il pulizija fuq il-post mentri n-numru veru kien ta' xi seba' ufficjali. Ir-rikorrenti biex jigbdu s-simpatija tal-qorti qalu li Loreta giet 'imwerwra' mill-intimati u hadet kedda.*

*Il-kedda haduha l-intimati li meta accedew fuq il-post gew kwazi aggrediti mill-familjari tar-rikorrenti li insulentawhom u mbaghad hebbew ghall-kuntrattur ta' sid l-art u injoraw ghal kollox l-ordnijiet leggittimi moghtija mill-pulizija.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-intimat umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tiddikjara r-rikors promotur bhala frivolu u vessatorju, subordinatament il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha u fin-nuqqas tichad fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez.*

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**<u>Il-fatti.</u>**

Din il-kawza hi karatterizzata minn nuqqas ta' qbil kemm dwar il-fatti kif ukoll dwar il-ligi. Tajjeb, ghalhekk, li qabel xejn jigu ccarati x'kienu l-fatti li taw lok ghal din il-kawza. Mid-diversi xhieda li nstemghu – sabatx-il xhud b'kollox – jirrizulta li nhar il-Gimgha, 29 ta' Mejju, 1998 ftit qabel is-7.15 pm tfacca fi Triq il-Mithna (maghrufa wkoll bhala Triq Papa Ljun XIII) Nadur, Ghawdex, certu Joe Grima li kien qed isuq gaffa. Huwa kien gie imqabbad biex jibda xi xoghol ta' kostruzzjoni fi proprjeta` ta' Martin Vella. Biex jaccedi ghal gewwa l-proprjeta` ta' dan Vella, Grima ried jghaddi minn passagg (varjament deskritta bhala fetha, dahla jew pjazzetta minn diversi xhieda) u li kien iwassal sa hajt li jaghti ghal fuq l-ghalqa ta' Vella. Dan il-hajt kien maghmul b'gebel kbir imqiegħed fuq xulxin b'mod mhux tant unit (kif jidher fir-ritratti ezibiti a fol. 81). Il-passagg jidher kemm fil-pjanti a fol. 38, 40 u 41, kif ukoll fir-ritratt a fol. 39 [1]. Meta Grima mar biex iwaqqa' dan il-hajt biex jidhol fil-proprjeta` ta' Vella, huwa gie ostakolat minn Loreta Borg, li bdiet tinsisti li hemm (jigifieri l-fetha u l-hajt) kien proprjeta` taghha u ta' zewgha. Grima cempel l-Ghassa tan-Nadur, u ftit minuti wara tfacca fuq il-post il-Kuntistabbli 877 Eddie Abela. Tfaccaw ukoll fuq il-post ulied il-konjugi Borg u membri ohra tal-familja; u peress li kien jidher li seta' jinqala' l-inkwiet, waslu ftit wara fuq il-post ukoll l-intimat Surgent Cassar u zewg pulizija ohra. Il-membri tal-familja Borg baqghu jikkontendu li il-gaffa kienet fuq proprjeta` privata u li Grima (a nom ta' Vella)

[1] Dan ir-ritratt a fol. 39 juri wkoll il-hajt; pero` f'dan ir-ritratt il-hajt jidher wara li kien rega' nbena wara li twaqqa' fid-29 ta' Mejju, 1998

ma kellu ebda dritt iwaqqa' l-hajt minghajr il-permess taghhom. Jirrizulta bhala fatt li s-sitwazzjoni bdiet tiddegenera xi ftit minhabba li minn naha l-wahda Grima kien determinat li jipprocedi bid-demolizzjoni tal-hajt, mentri l-membri tal-familja Borg kienu determinati li jqieghdu lilhom infushom quddiem il-gaffa bhala ostakolu, u anke rrifjutaw li jnehhu xi oggetti li huma kienu qieghdu quddiem il-hajt (u allura anke quddiem il-gaffa). F'hin minnhom kienu anke gejjin fl-idejn Grima u Charles Borg, u fil-fatt dana Charles Borg spicca anke qala' daqqa fuq wiccu minghand l-imsemmi Grima. F'hin minnhom wiehed mir-rikorrenti, Tony Borg, ipprova anke juri xi dokumenti (kuntratti) lis-Surgent Cassar biex jipperswadih li hemm kienet proprjeta` privata, pero` jidher li l-intimat Cassar ftit li xejn ta kaz ta' dak li kien qed jipprova jurih dan Borg, anke forsi ghax ma kienx il-hin u l-mument li wiehed joqghod jaqra u jipprova jifhem tali dokumenti. Sakemm il-pulizija li kienu prezenti (aktar tard zdiedu xi tlieta ohra maghhom, fosthom l-intimat Surgent Grima) kienu qed jippruvaw izommu l-ordni, ir-rikorrent Charles Borg mar sab l-Avukat tal-familja u dan talab u ottjena mandat ta' inibizzjoni provvizorju (ara d-deposizzjoni ta' Dott. Aaron Attard Hili, fol. 72). Il-pulizija li kienu fuq il-post gew infurmati li l-mandat kien intlaqa' (provvizorjament, kif inghad) u dawn iddecidew li jistennew sa ma jasal il-Marixxal bil-mandat. Fi kliem l-imsemmi Dott. Attard Hili (li mar fuq il-post fuq insistenza tar-rikorrenti) in kontro-ezami:

"Kif waqqfuni z-zewg surgenti jien waqaft fuq il-post, jigifieri jien ma ghamiltx pass iehor 'l quddiem. Jien spjegajtilhom li kont nistenna l-mandat, jew ossia li l-mandat kien *on the way*. Ghandi nippreciza li ghall-bidu, meta spjegajtilhom lill-Pulizija li fil-fatt kien gej il-mandat dawn qaluli diskors fis-sens li mela nistennew il-mandat. Pero` kif beda jghaddi l-hin, kienu jistaqsuni meta gej dan il-mandat. Bejn wiehed u iehor staqsewni xi darbtejn ohra meta kien gej dan il-mandat. Fi kliem iehor, ghall-ewwel il-Pulizija kienu deheru disposti li fil-fatt jistennew, u kien wara certi zmien, ta' ceru hames minuti, ghaxar minuti, li ntqal lili d-diskors biex ma nghidx kelma ohra ghax inkella jarrestawni." (fol. 74).

Il-verzjoni ta’ l-intimat Cassar hi li, wara li damu jistennew hafna sabiex jigi l-Marixxal, u peress li diga kellhom ordni minghand is-superjur taghhom, l-Ispettur Antonello Grech, sabiex ma jhallux li jigi ostakolat min kellu permess ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, huwa (is-Surgent Cassar) gharraf lill-Avukat li l-pulizija kienu ser jagixxu biex jizblukkaw is-sitwazzjoni u jirripristinaw l-ordni billi jhallu lil Grima jwaqqa’ l-hajt, u gharrfu wkoll li minn jindahal fid-dmirijiet tal-pulizija kien suggett ghal arrest, inkluz l-istess Avukat (ara d-deposizzjoni tas-Surgent Mario Cassar, fol. 87, 88). Fil-fatt il-pulizija prezenti, wara li kienu warrbu lill-membri tal-familja Borg, <u>warrbu wkoll huma stess xi affarijiet li kienu tqieghdu quddiem il-gaffa</u> (ara d-deposizzjoni ta’ Tony Borg, fol. 51); <u>din allura setghet tibqa’ diehla u effettivament waqqghet il-hajt</u>. Ftit wara – kienu xi d-9.30 pm – wasal il-Marixxal bil-mandat, pero` l-hajt, kif inghad, kien diga` twaqqa’. Din il-Qorti, ghar-raguni li ser tirrizulta aktar ‘l quddiem f’din is-sentenza, ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tidhol fil-kwistjoni ta’ xi kliem seta’ intqal mill-intimat Cassar dwar il-mandati tal-Qorti, jew il-kliem li allegatament qal il-Marixxall kif appena wasal bil-mandat (kliem riportati fir-rikors promotur); il-qofol tal-vertenza qieghda band’ohra.

Bhala fatt jirrizzulta wkoll li Vella (u allura Grima) kellu permess ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar biex jizviluppa l-art li tigi immedjatament wara l-hajt – ara l-permess PA1843/96 ezibit kemm a fol. 223 sa 226 kif ukoll a fol. 239 sa 242. Mid-deposizzjoni ta’ Francis Mizzi (fol. 64 *et seq.*) jirrizulta li kienet saret applikazzjoni ohra minn Vella sabiex id-dahla jew passagg ta’ quddiem il-hajt isir parti mit-triq. Din l-applikazzjoni kienet giet michuda mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar peress li kien hemm kontestatzzjoni, ossia nuqqas ta’ qbil, bejn Vella u r-rikorrent (illum mejjet) Joseph Borg proprju dwar id-dahla. Francis Mizzi, *Technical Officer* ma’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar (li xehed fit-23 ta’ Novembru, 1998, fol. 64) spjega hekk:

“It-tieni applikazzjoni ta’ Vella kienet biex il-parti mmarkata bl-ahdar [id-dahla] issir estensjoni tal-i*scheme*, jigifieri issir parti mit-triq. Fil-fatt dwar din it-tieni applikazzjoni, il-

Planning Authority riedet li qabel xejn ikun hemm il-kunsens jew il-persmess tan-nies jew proprjetarji ta’ dik il-proprjeta` li hija mmarkata bl-ahmar [id-dar tal-konjugi Borg]. Il-permess biex jaghmel estensjoni tat-triq f’dik id-*drive way* kienet giet rifjutata. Hu kellu biss il-permess biex jibni fuq il-proprjeta` tieghu pero` biex jaghmel dik id-*drive way* parti mit-triq ma kellux permess…Fi kliem iehor Vella kullma kellu permess huwa li jibni fuq hwejjgu, pero` imma ahna bl-ebda mod ma ahna tajnieh permess biex ikun b’xi mod jista’ jghaddi minn fuq il-parti mmrakata bl-ahdar.” (fol. 64, 65).

**Il-ligi.**

Ir-rikorrenti qed jallegaw ksur ta’ dik il-parti ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li tghid hekk:

**Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.**

Proprjament f’dan il-kaz ma hemmx kwistjoni ta’ privazzjoni jew tehid ta’ possedimenti; il-fatti, jekk kemm-il darba jirrizulta il-“possediment” vantat mir-rikorrenti, juru pjuttost interferenza fit-tgawdija (hekk li t-tgawdija ma tibqax aktar wahda “pacifika”), b’mod ghalhekk li hija l-ewwel sentenza jew regola ta’ dana l-artikolu li hija relevanti, u mhux ukoll it-tieni sentenza jew regola.

L-intimati qed jikkontestaw, b’mod generiku, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kemm ghal dawk li huma fatti u kemm ghal dawk li huma konsiderazzjonijiet ta’ natura legali. In fatti l-intimati jghidu li “l-pulizija pprestat l-assistenza taghha lis-sid legittimu ta’ l-art”, u, aktar tard fl-istess risposta taghhom jghidu li waqt li huma kellhom “il-provi li s-sid legittimu ta’ l-art kien qed jigi kriminalment ostakolat, ir-rikorrenti mitluba ghal diversi drabi biex iseddqu l-pretensjonijiet taghhom bid-dokumenti relattivi

baqghu ma ghamlu xejn". Pero` qabel ma din il-Qorti tidhol fil-meritu tal-vertenza, hi tal-fehma li ghandha qabel xejn tiddisponi minn dik li hi, fin-natura taghha, eccezzjoni sollevata mill-intimati, u cioe` li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju u effettiv (1) taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, (2) permezz ta' kawza civili biex "jirrivendikaw l-proprjeta` li qed jallegaw li tappartjeni lilhom", u (3) permezz tal-prosegwiment "ta' azzjoni kriminali fil-konfront ta' minn skond huma abbuza mill-poter".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.</u>**

Din il-Qorti tibda biex tghid li ma tarax li kellha jew li ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 ghar-ragunijiet migjuba mill-intimati. Apparti li din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif l-assistenza li l-pulizija pprestaw biex jippermettu lil Grima (u, indirettament, lil Vella) biex jidhol fid-dahla u jwaqqa' l-hajt li jaghti ghall-proprjeta` ta' Vella tista' tikkwalifika bhala "eghmil amministrattiv" skond is-subartikolu (2) tal-Artikolu 469A, il-possibilita` ta' l-azzjonijiet ohra, civili jew penali, ma jnaqqsu xejn mill-importanza tal-punt legali *in issue* f'din il-kawza li huwa strettament ta' indoli ta' drittijiet fondamentali [2]. Il-qofol ta' din il-kawza hu, bazikament, fejn wiehed ghandu jigbed linja bejn id-dmir tal-Pulizija Ezekuttiva li zzomm l-ordni pubbliku (Art. 346(1), Kap. 9 u Art. 4(a) tal-Kap. 164) [3] u l-interferenza mal-proprjeta` privata (da parti ta' ufficjali ta'

[2] Il-Qorti tinnota a propositu li fl-udjenza tas-7 ta' Settembru, 2001 id-difensur tar-rikorrenti, fuq mistoqsija tal-istess Qorti jekk ir-rikorrenti kienux ghamlu kawza ghad-danni minnhom sofferti minhabba t-twaqqih tal-hajt kontra min kien effettivament waqqa' l-hajt u kontra z-zewg Surgenti tal-Pulizija jew kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, wiegeb li tali kawza ma saritx peress li l-klienti tieghu ftit granet wara regghu tellghu l-istess hajt a spejjez taghhom, liema hajt kien ghadu hemm sa dik il-gurnata (7 ta' Settembru, 2001), u li ghalhekk huma kienu qed jirrinunzjaw ghad-danni sofferti bit-twaqqigh tal-hajt, izda rigward il-ksur tal-Kostituzzjoni [recte: tal-Konvenzjoni Ewropea] huma kienu qed jadixxu lil din il-Qorti – ara fol. 246-247.

[3] Issir referenza wkoll ghall-Artikoli 91 u 92 tal-Kap. 164; dawn iz-zewg disposizzjonijiet, kif ukoll l-Artikolu 4(a) kif inhu llum, pero`, ma kienux fis-sehh fiz-zmien tal-incident meritu ta' din il-kawza. L-Artikolu 4 kif kien fiz-zmien tal-incident, cioe` fid-29 ta' Mejju, 1998, kien jghid hekk: *"Il-Korp ghandu jigi wzat ghat-tizmim tas-sigurta` u l-bonordni intern, ghat-tharis tal-paci, ghall-protezzjoni tal-hajja u tal-proprjeta`, ghall-prevenzjoni u kxif ta' reati u ghat-twettiq tal-ligijiet kollha li huma ghak-kariku tal-Korp; u ghall-qadi tad-dmirijiet kollha jew ta' kull wahda minnhom ikollu d-dritt li jkollu l-armi."*

l-istat bhalma huma membri tal-Pulizija Ezekuttiva) li tammonta ghal vjolazzjoni ta' l-Artikolu 1 invokat mir-rikorrenti. Din il-Qorti hi tal-fehma li interferenza fit-tgawdija tal-possedimenti ta' dak li jkun tista' tkun gustifikata fl-interess taz-zamma ta' l-ordni pubbliku – bhalma tista' tkun gustifikata ghal skopijiet ohra fl-interess generali tal-komunita`, bhal, per ezempju, il-kxif ta' reati ecc. – basta li jkun hemm dejjem bilanc gust bejn l-interess generali tal-komunita` minn naha u l-interferenza li l-individwu jkun qed jissubixxi minn naha l-ohra. B'referenza proprju ghall-ewwel sentenza jew regola tal-Artikolu 1 in dizamina, il-Qorti Ewropea qalet hekk fil-kaz ***Sporrong and Lonnroth v. Sweden*** (23/9/1982):

**The Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1.** (A.52, p.26).

U aktar recentement l-istess Qorti, fil-kaz ***Beyeler v. Italy*** (5/1/2000) qalet hekk:

**Any interference with the enjoyment of a right or freedom recognised by the Convention must, as can be inferred from Article 18 of the Convention…pursue a legitimate aim. The principle of a "fair balance" inherent in Article 1 of Protocol No. 1 itself pre-supposes the existence of a general interest of the community. Moreover, it should be reiterated that the various rules incorporated in Article 1 are not distinct in the sense of being unconnected and that the second and third rules are concerned only with particular instances…One of the effects of this is that the existence of a "public interest" required under the second sentence, or the "general interest" referred to in the second paragraph, are in fact corollaries of the principle set forth in the first sentence, so that an interference with the exercise of the right to the peaceful enjoyment of possessions within the**

**meaning of the first sentence of Article 1 must also pursue an aim in the public ineterst.** (para. 111).

Ma hemmx dubbju illi kieku f'dan il-kaz il-pulizija, inkluzi iz-zewg Surgenti intimati, illimitaw ruhhom li jzommu liz-zewg fazzjonijiet milli jigu f'idejn xulxin, jew li jzommu anke lill-istess rikorrenti (jew xi whud minnhom) milli jwegghu lilhom infushom billi joqghodu quddiem il-gaffa, wiehed ma kienx jista' jitkellem dwar ksur ta' l-Artikolu 1 anke jekk, biex jaghmlu dan, l-imsemmija pulizija kellhom jidhlu fi proprjeta` privata. Pero` f'dan il-kaz il-pulizija marru oltre: huma, fuq struzzjonijiet li kellhom mis-Superjuri taghhom, attivament u direttament ghenu lil Grima biex jibqa' fid-dahla u addirittura jidhol aktar 'l gewwa fiha (dahla li r-rikorrenti kienu qed jallegaw li hija proprjeta` taghhom minghajr dritt ta' access ta' terzi) u attivament u direttament ghenuh biex iwaqqa' l-hajt billi huma stess nehhew xi oggetti li kienu fin-nofs tad-dahla u quddiem dan il-hajt. L-intimati kjarament mhux biss ippruvaw izommu l-ordni pubbliku, izda materjalment ghenu, kif evidentement kellhom il-hsieb li jaghmlu, lil Grima sabiex jibqa' diehel aktar 'l gewwa fid-dahla u jwaqqa' l-hajt. Dan ma kienx parti mid-dover tal-Pulizija Ezekuttiva biex jinzamm l-ordni pubbliku, b'mod ghalhekk li gie nieqes l-ghan legittimu fl-interess pubbliku imsemmi aktar 'l fuq.

Pero`, mill-banda l-ohra, biex l-azzjoni odjerna tar-rikorrenti tirnexxi, huma kellhom jipprovaw, sal-grad rikjest f'kawzi civili, li Vella – il-mandant ta' Grima – ma kellux dritt ta' passagg mid-dahla, u li l-hajt kien taghhom (eskluzzivament jew flimkien ma' haddiehor) b'tali mod li Vella ma kellux dritt iwaqqghu. Kif jghidu l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb taghhom **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** [4] fil-kuntest tal-kuncett ta' "possedimenti" kif mifhum fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll:

[4] Kluwer Law International (The Hague) 1998.

**In the third place, the right or interest must be sufficiently established. A person complaining of an interference with his property must show that such right existed.** (p. 622).

Id-dritt li Vella ma jidhlilhomx fid-dahla (jew pjazzetta) u d-dritt li l-istess Vella ma jmissilhomx il-hajt minghajr il-kunsens taghhom kellu jigi stabbilit jew f'kawza *ad hoc* jew anke f'din l-istess kawza, s'intendi dejjem bil-mod kif tali affarijiet ta' natura strettament civili jigu stabbiliti, fosthom bil-produzzjoni ta' dokumenti li jistabilixxu (jew jeskludu) id-drittijiet tal-parti jew tal-partijiet u, okkorrendo bl-opera ta' perit gudizzjarju. F'din il-kawza ir-rikorrenti, sfortunatement, hlew l-energija u zmien taghhom biex jippruvaw jistabilixxu pass b'pass dak li sar, u kelma b'kelma dak li inghad, fid-29 ta' Mejju, 1998 u injoraw tista' tghid kompletament l-aktar haga essenzjali, u cioe` il-prova li d-dahla kienet proprjeta` privata <u>esklussiva</u> taghhom (cioe` minghajr dritt ta' passagg ta' terzi, fosthom Vella), u <u>li Vella ma kellu ebda dritt fuq il-hajt li twaqqa'</u>. L-unici provi li gabu r-rikorrenti f'dan ir-rigward kienu d-deposizzjoni u r-rapport ta' Francis Mizzi u il-kelma taghhom, kelma kontradetta minn Martin Vella kif ukoll mill-Perit tieghu l-A.I.C. Carmelo Borg. Vella, in fatti, jghid hekk (deposizzjoni tal-21 ta' Jannar, 2000):

**<u>Jien ghad ghandi kawza pendenti mal-familja Borg proprju biex ikolli access minn dik in-naha tal-proprjeta`</u>. Jigifieri jkolli access mill-istess post fejn kont dhalt bil-gaffa, jigifieri minn Triq Papa Ljun XIII. Jien bhalissa ghandi access ghall-proprjeta` li bnejt minn fuq wara taghha biss. U ghandi access bir-rigel biss, minn sqaq privat li ghandhom access ghalih erba' persuni, inkluz jien. Minn dan l-isqaq ma nistax naccedi, pero`, permezz tal-vettura tieghi. Meta jien gejt biex nibda nibni l-gaffa ma setghetx tghaddi hlief minn nahha ta' minn fejn fil-fatt ghaddejt, jigifieri minn nahha ta' Triq Papa Ljun XIII. In segwitu, kif diga spjegajt, biex jien indahhal il-gebel, it-trakkijiet tal-gebel kellhom jghaddu minn fuq proprjeta` ta' tlieta minn nies ohra li ma humiex naturalment il-familja Borg. Meta jien gejt biex nidhol bil-gaffa jien kont stajt**

**nobsor li fil-fatt kien ser ikun hemm oggezzjoni li nidhol billi nwaqqa' l-hajt, ghax precedentement kien pprova jidhol wiehed tar-*ready-mix* u fil-fatt Borg, li llum huwa mejjet, kien oggezzjona u lili kien taghni x'nifhem li joggezzjoni li jitwaqqa' dak il-hajt. Nikkonferma li jien ridt inwaqqa' l-hajt biex nidhol bil-gaffa biex inkun nista' nibni fuq il-proprjeta` tieghi skond il-permess li kelli. <u>Jien nikkontendi li fil-hajt li fil-fatt tqawwa' bil-gaffa, hu proprjeta` tieghi biss, u mhux proprjeta` ta' haddiehor. Jien nikkontendi li l-fetha quddiem il-hajt, jigifieri dak l-ispazju li hemm quddiem il-hajt li twaqqa' bil-gaffa, ghandi dritt ta' access jien minnu bhalma kellhom ta' Borg u bhal ma kellhom persuni ohra</u>.** (fol. 166-167, sottolinear ta' din il-Qorti).

U fid-deposizzjoni tat-8 ta' Frar, 2001 l-istess Vella qal fir-rigward tal-hajt:

**Mistoqsi jekk jien ghandix permess specifiku ghat-twaqqiegh tal-hajt, jien nghid li l-hajt huwa tieghi…Nirrepeti li l-hajt tal-qasma, jigifieri l-hajt in kwistjoni li twaqqa', huwa tieghi.** (fol. 222).

U l-A.I.C. Borg xehed hekk (deposizzjoni tal-5 ta' Mejju, 2000):

**Wara li fuq il-post twahhlet kopja tal-applikazzjoni ghall-izvilupp, kif irid isir skond il-ligi tal-Planning Authority, niftakar li l-mejjet John Borg kien cempilli diversi drabi u kien fissirli l-preokkupazzjonijiet tieghu. Il-preokkupazzjonijiet tieghu kienu tnejn. Wahda kienet dwar kwistjoni ta' ilma fis-sens li l-hajt kif kien qabel kellu xi toqob fih li jippermetti l-ilma jghaddi u jibqa' ghaddej. Mentri huwa kien jibza' li jekk jitla' l-hajt kif kien qed jigi propost mill-ahwa Vella b'xi mod jew iehor jibda jakkumula l-ilma fuq il-post. It-tieni haga, huwa kien preokkupat ukoll minhabba li f'dik l-ispeci ta' pjazzetta li hemm qabel ma taccedi ghall-proprjeta` tal-klienti tieghi, kien hemm fossa li tappartjeni l-proprjeta` tieghu. Huwa**

**kien preokkupat li bix-xoghol li jsir fuq il-proprjeta` tal-ahwa Vella kienet ser issir xi hsara f'din il-fossa. Jien kont fissirtlu car u tond li ma kellux ghalfejn jinkwieta dwar dan ghaliex il-fossa li kien hemm taht dik l-ispeci ta' pjazzetta ma kienitx ser tintmiss. Nispjega li l-*complaints* li kien ghamel mieghi il-mejjet Borg kienu dwar dawn iz-zewg affarijiet; qatt ma fissirli, per ezempju, li l-pjazzetta kienet proprjeta` tieghu jew inkella li l-hajt in kwistjoni ma setax jitwaqqa' ghaliex kien proprjeta` tieghu…Jien nghid li qatt ma kien hemm kwistjoni dwar dik il-pjazzetta, fis-sens li sa fejn naf jien, dik il-pjazzetta kienet dejjem proprjeta` pubblika u ghalhekk ma kien hemm l-ebda lok ta' esproprjazzjoni.** (fol. 185, 186). [5]

Huwa veru li Francis Mizzi, aktar 'l fuq imsemmi, jghid fir-rapport tieghu (Dok. TB5, fol. 42 *et seq.*) – rapport intern maghmul ghall-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar – li l-applikazzjoni ta' Vella sabiex id-dahla (jew pjazzetta) issir parti mit-triq kienet giet rifjutata ghax is-sidien ta' l-art – referenza ghal Borg – ma kienux taw il-kunsens taghhom ghall-finijiet tar-Regolament 4(3) tal-Avviz Legali 76/97 [6]. Dan ix-xhud, fir-rapport tieghu, jghid infatti li kien ezamina kuntratt datat 28/5/1904 u li *"This contract shows that objector Joseph Borg, who has succeeded businessman Antonio Xikluna, has legal proof that the adjacent land near the old building is joint property"* (fol. 43, sottolinear tal-Qorti). Dan il-kuntratt li jissemma', jew xi dokument iehor, qatt ma gie ezibit mir-rikorrenti fl-atti ta' din il-kawza; ir-rapport u d-deposizzjoni ta' Mizzi f'dan ir-rigward ma hi xejn hlief l-opinjoni ta' xhud. Anke li kieku din il-Qorti

[5] Ara wkoll id-deposizzjoni, in kontro-ezami, tal-intimat Surgent Cassar tas-26 ta' April, 1999: *"Meta ta' Borg qaluli li dik l-ispeci ta' pjazzetta jew dahla kienet proprjeta` privata, jien dak il-hin ma hassejtx il-htiega li nivverifika ghaliex jiena nafha bhala li dik il-pjazzetta, jigifieri d-dahla quddiem id-dar taghhom kienet proprjeta` pubblika. Jigifieri kulhadd jista' jidhol fiha. Tant huwa hekk li hemm persuna ohra li ghandhom proprjeta` taghhom li taghti ghal din l-ispeci ta' dahla li jien qed insejhilha pjazzetta."* (fol. 100-101).

[6] Dan ir-regolament kien jipprovdi hekk: *"Fejn l-art li dwarha saret l-applikazzjoni tinkludi art ta' terzi persuni jew jekk il-bidla proposta tista' taffettwa terzi persuni, l-applikazzjoni ghandha tkun ukoll akkumpanjata b'lista ta' dawk it-terzi persuni u dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn dawn it-terzi persuni li ma jkollhom ebda oggezzjoni ghall-bidla proposta, b'dan illi meta l-Awtorita` tqis li jkun hekk mehtieg, din tista' titlob li tinghata prova legali li dik l-art tkun tappartjeni lil terzi persuni bhala sidien."*

kellha tammetti tali opinjoni bhala prova fit-termini tas-subartikoli (1) u/jew (2) tal-Artikolu 563A tal-Kap. 12, jigifieri bhala prova ta' espert *ex parte* – u din il-Qorti ghandha r-riservi taghha dwar kemm, bhala *Technical Officer* ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, jista' jinghad li dana x-xhud hu kwalifikat li jinterpreta kuntratt ta' kwazi mitt sena ilu – kullma wiehed jista' jghid a bazi tad-deposizzjoni ta' dana Mizzi u tar-rapport tieghu hu li Borg kien il-proprjetarju (jekk hux wahdu jew ma haddiehor mhux daqstant car stante li tintuza ripetutament l-espressjoni *"joint property"*) tad-dahla. Pero` ma hemm xejn fir-rapport jew fid-deposizzjoni ta' Francis Mizzi li jeskludi d-dritt ta' passagg ta' terzi, inkluz Vella, fuq dik id-dahla; anzi fir-rapport jinghad *"…the P.A. cannot interpret in case of contestation / right of way, and therefore the consent of the objector is required."* Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw li huma kellhom dritt eskluzziv fuq id-dahla ad eskluzjoni ta' terzi, jew li Vella ma kellux dritt iwaqqa' l-hajt biex jidhol fil-proprjeta` tieghu kif effettivament ghamel. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti kif migjuba fir-rikors promotur taghhom.

Kwantu ghall-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti ser todna li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, u dan mhux biss minhabba l-fatt li din il-Qorti qed tirrespingi l-eccezzjoni tal-intimati sabiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha (ghar-ragunijiet aktar il-fuq moghtija), izda wkoll minhabba n-novita` tal-punt legali involut f'din il-kawza u, aktar, minhabba l-fatt li, kif diga inghad, jirrizulta car li fid-29 ta' Mejju, 1998 l-intimati eccedew il-poteri taghhom f'dik li hi z-zamma ta' l-ordni pubbliku, u minflok hadu parti attiva biex parti (Vella) jezercita d-dritt li huwa kien qed jirrivendika fuq id-dahla u fuq il-hajt. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-agir skorrett tal-intimati f'dan il-kaz jammonta ghal "raguni tajba" ghall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12.

**<u>Decizjoni.</u>**

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-intimati sabiex tiddeklina milli

tezercita s-setghat taghha taht l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, tichad fil-meritu t-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------